**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 7 ta' Frar 2020**

**Rikors Numru : 199/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**SF**

**Vs**

**TB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti fl-20 ta' Lulju 2019 (fol. 1 *et seqq)* li jaqra:

1. *Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni bejniethom li minn din ir-relazzjoni twieled tifel minuri bl-isem K.*

2. *Illi l-partijiet ftehmu dwar il-minuri permezz ta; kuntratt iffirmat minnhom fid-29 ta' Mejju 2014, liema kuntratt kien approvat u accettat mill-Qorti tal-Familja permezz ta' digriet numru 1005/14 moghti mill-Imhallef Robert Mangion fit-12 ta' Mejju 2014 (kopja u digriet hawn annessi mmarkati Dok SF1).*

3. *Illi l-esponenti bdiet proceduri ta' medjazzjoni (ittra numru 1769/17) ghal talba dwar revizjoni u awment ta' manteniment tal-minuri wara li minkejja diversi interpellazzjonijiet l-intimat baqa' ma resaqx ghal revizjoni;*

4. *Illi fil-kors tal-medjazzjoni l-intimat baqa' jirrifjuta illi jirrevedi il-manteniment ghat-tifel minuri b'mod ragonevoli a tenur tal-klawsola 6 tal-kuntratt iffirmat bejniethom, u l-anqas ma huwa jhallas nofs l-ispejjez dovuti a tenur tal-artikolu 6 tal-istess kuntratt;*

5. *Illi l-procedura ta' medjazzjoni kienet ukoll ghal tibdil ta' hinijiet tal-access minhabba l-fatt illi l-minuri issa qieghed imur l-iskola u anke l-Muzew.*

6. *Illi fil-kors tal-medjazzjoni l-intimat baqa' ma wasalx ghal proposti godda sabiex l-hinijiet u l-granet tal-access ikunu riveduti.*

7. *Illi fit-tieni laqgha ta' medjazzjoni l-intimat naqas milli jidher quddiem il-medjatur u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni.*

8. *Illi in frattemp kien hemm diversi Minacci mill-intimat versu l-esponenti li wasslu wkoll ghat-tehid ta' proceduri kriminali kontra l-intimat.*

9. *Illi din il-medjazzjoni inghalqet minghajr success nhar it-22 ta' Mejju tas-sena 2018 u konsegwentement kellhom jitressqu l-proceduri odjerni;*

10. *Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu b'din il-kawza permess ta' Digriet Nru 1103/18.*

*Jghid ghalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddeciedi billi:-*

1. *Tordna illi l-manteniment attwali pagabbli lilha mill-intimat ghal wild minuri jigi rivedut ai termini tal-klawsola numru 6 tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet ghax dik is-somma ghola minn €150 fix-xahar ghal wild, li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni u dan minghajr pregudizzju ghall-obbligi l-ohra tal-intimat fil-kuntratt ta' separazzjoni b'mod partikolari ghall-artikolu 7 tal-istess kuntratt; jew inkella tinghata somma wahda fix-xahar komplessa tal-manteniment u spejjez tal-edukazzjoni u sahha.*

2. *Tiddikjara illi l-intimat jiddepozita tali manteniment direttament fil-kont bankarju ta' l-attrici li jigi ndikat minnha;*

3. *Tordna illi l-access ta' l-intimat ghall-ulied minuri jigi rivedut;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 15 ta' Novembru 2018 (fol. 17 *et seqq*) li taqra:

1. *Illi l-konvenut qieghed jikkontesta l-ewwel talba ghar-revizjoni tas-somma ta' €150 rapprezentanti manteniment mensili, mhallsa mill-konvenut u dan hekk kif inhu stipulate fil-klawsola numru 6 tal-kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti ghas-segwenti ragunijiet:-*
   i. *Primarjament irrid jinghad li meta jigi iffirmat kuntratt il-kontenut issir ligi li torbot il-partijiet li jiffirmawh;*
   ii. *Il-kuntratt, li fuqu qeda issir it-talba sabiex jigi rivedut, kien gie redatt wara hafna diskussjonijiet bejn il-kontendenti u sussegwentement il-ftiehem nikteb fid-diversi klawsoli fil-kuntratt;*
   iii. *Il-kontendenti setghu ghazlu li ssir skrittura privata, pero iddecidew, minkejja l-ispejjez li nkorrew, li jsir kuntratt halli dan ikollu aktar forza;*
   iv. *B'referenza ghall-klawsola 6 dwar il-manteniment, il-kontendenti kienu flimkien ftehmu u ddecidew li 'il-manteniment huwa revidibbli* ***biss*** *fl-gheluq ta' kull sena mid-data ta' dan il-kuntratt skont l-indici tal-gholi tal-hajja.' – Giet mizjuda l-kelma "***biss***" biex tindika l-intenzjoni li kellhom il-kontendenti li jeskludu kwalunwke revizjoni fil-futur;*
   v. *Is-suespost ghandu japplika ukoll ghat-talba sabiex tigi mibdula l-procedura ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni fi klawsola 7;*

2. *Illi dwar it-tieni talba l-konvenut ma jsibx oggezzjoni fil-manjera kif ihallas il-manteniment – il-manteniment jista' facilment jigi depozitat direttament f'kont bankarju ta' l-attrici, dejjem jekk l-attrici tindika n-numru ta' dan il-kont bankarju.*

3. *Illi t-tielet talba ghandha tigi michuda stante li l-konvenut, minkejja li gieli jsib diffikultajiet minhabba il-hinijiet tax-xoghol tiehu, dejjem ghamel l-almu tieghu sabiex izomm, kemm jista' jkun mall-hinijiet u granet stipulati fil-kuntratt, u jkunu x'jkunu l-hinijiet u l-granet, il-hinijiet tax-xoghol (Mater Dei) huma li huma qatt ma hemm flessibilita'.*

*Tant ghandu x'jecepixxi l-konvenut ghat-talbiet tal-attrici.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

**Ikkonsidrat;**

Din hija kawza ghall-varjazzjoni ta' kuntratt datat 29 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Camilleri permezz ta' liema l-partijiet irregolaw kwistjonijiet relatati mal-kura u kustodja, access u manteniment tal-wild minuri taghhom KB.

Il-Qorti rat illi fil-mori tal-kawza l-partijiet lahqu ftehim dwar il-vertenza u fid-dawl ta' dan kienu prezentaw nota kongunta fl-15 ta' Jannar 2020 (*fol.* 72) permezz ta' liema iddikjaraw li ntlahaq ftehim bejniethom sabiex jigi emendat il-kuntratt imsemmi u indikaw it-tibdiliet illi qablu fuqhom.

Il-Qorti rat ukoll illi fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Janna 2020 il-partijiet, debitament assistit mill-avukati difensuri taghhom, talbu lil Qorti sabiex tghaddi tippronunzja sentenza fuq il-qafas ta' dawn il-punti saljenti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, in vista tan-nota kongunta prezentata mill-partijiet fil-15 ta' Jannar 2020, tiddisponi mir-rikors guramentat tar-rikorrenti u r-risposta guramentata tal-intimat billi:**

1. **Tordna illi minflok is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) li jistipula l-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2014, il-manteniment dovut mill-intimat ghall-bzonnijiet tal-minuri KB ghandu jkun fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) pagabbli kull xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, u liema somma ghandha tizdied kull l-ewwel (1) ta' Jannar skont l-indici tal-gholi tal-hajja;**

2. **Tordna illi l-ispejjez relattivi ghall-attivitajiet extra-kurrikurali tal-minuri ghandhom jithallsu fl-intier taghhom minn dak il-genitur li jkun iddeciedi li jibghat lil minuri ghal dik l-attivita extra-kurrikurali;**
3. **Tordna lill-intimat sabiex sal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' mija u tmienja u hamsin ewro u tmenin centezmu (€158.80) rapprezentanti l-awment tal-indici tal-gholi tal-hajja mis-sena elfejn u sbatax (2017) sas-sena elfejn u dsatax (2019);**
4. **Tordna lir-rikorrenti sabiex meta l-minuri imur ghall-access mal-intimat tibda tibghat hwejjeg tal-minuri puliti u ghandhom jinkludu tibdila "smart" u zarbun, sabiex it-tifel ikollu lbies adattat f'kaz li missier jiehdu x'imkien, liema lbies ghandu jigi ritornat f'kundizzjonijiet tajba.**
5. **Illi l-kawzi kriminali li hemm presentement bejn il-partijiet jigu ceduti.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**